MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2012

Citazzjoni Numru. 336/2001/1

**EURO APPLIANCES LIMITED**

vs

**FRANK BORDA LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta’ Frar, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka hija obbligata li tħallasha l-prezz tal- *parts* u tal-ixkaffar li l-kumpannija attriċi kienet għadditilha fl-okkażjoni ta’ negozju li sar bejniethom biex il-kumpannija mħarrka tikseb l-aġenzija esklussiva f’Malta ta’ ditti barranin; (b) issib li l-imsemmi prezz jammonta għal ħamsa u tmenin

elf erba’ mija u tmienja u ħamsin lira Maltija u tletin ċenteżmi (Lm 85,458.30)[1], skond il-prospett mehmuż, jew somma oħra verjuri; u (ċ) tordna lill-kumpannija mħarrka tħallsha l-ammont hekk stabilit. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali mill-1 ta’ Jannar, 2001, sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-3 ta’ April, 2001, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha billi nfetħet meta bejn il-partijiet kienu għadhom għaddejjin in-negozjati u ma kienx għad hemm ftehim deċiżiv, minbarra li l-istess kumpannija attriċi qatt ma interpellatha b’att ġudizzjarju qabel fetħet il-kawża. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu. Dwar l-*appliances* tal-marka *Speed Queen*, *Caravell* u *Magic Line*, tgħid li kulma nxtara mingħand il-kumpannija attriċi tħallas kollu. Dwar l-*appliances* tad-ditta *Electrolux*, ma kienx sar ftehim, imma l-eċċipjenti kienet ħadet pussess tagħhom biex tagħmel wisgħa fil-maħżen tal-kumpannija attriċi biex din tkun tista’ tikrih lil terzi. L-eċċipjenti iddikjarat li kienet qiegħda toffri lill-kumpannija attriċi li tirtira mingħandha l-imsemmija *appliances* fi żmien ħmistax-il jum qabel ma tgħaddi biex tiddepożitahom. Żiedet tgħid li, dwar il-partijiet tal-*appliances* tad-ditti *Speed Queen*, *Caravell* u *Electrolux*, il-fethim kien li l-eċċipjenti tixtri dawk biss li kienu jistgħu jinbiegħu (“*saleable*”) għax kien fadlilhom ħajja kummerċjali u attwali. Meta l-eċċipjenti ngħata l-konsenja, ħareġ li bosta mill-partijiet ma kenux f’qagħda li jinbiegħu jew għaliex kienu qdiemu, jew għaliex inxtraw bla rażan jew bi żball. Tgħid li jekk kemm-il darba l-kumpannija attriċi kellha fehma oħra dwar x’ried jitfisser bil-kelma “*saleable*”, allura lanqas jista’ jingħad li kien hemm fehma waħda bejn il-partijiet u b’hekk jonqos l-*idem placitus consensus* li wkoll juri li ma kienx konkjuż l-ebda bejgħ. Hawnhekk ukoll, l-eċċipjenti kienet qiegħda toffri lill-kumpannija attriċi li tirtira l-partijiet fi żmien ħmistax-il jum qabel ma l-eċċipjenti tgħaddi biex tiddepożitahom. Fl-

[1] Li jġibu € 199,064.29 fi flus tal-lum

aħħar nett, laqgħet billi ċaħdet li hija kienet xtrat l-ixkaffar u saħqet li kulma ġara kien li kienet għamlet pjaċir lill-kumpannija attriċi billi ħaditilha l-ixkaffar li kellha fil-maħżen bla ħlas. Hawnhekk ukoll, l-eċċipjenti kienet qiegħda toffri lill-kumpannija attriċi li tirtira l-ixkaffar fi żmien ħmistax-il jum qabel ma l-eċċipjenti tgħaddi biex tiddepożitahom. F'kull każ, l-eċċipjenti qalet li s-somma miltuba mill-kumpannija attriċi kienet eżaġerata;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2007[2], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fid-29 ta' Frar, 2008[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-30 ta' Lulju, 2008[4], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tar-Rikors għall-ħruġ tal-Kontro-Mandat tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 519/01RCP[5];

Rat id-degrieti li bihom il-kawża kienet imħollija għas-sentenza;

---

[2] Paġ. 831 tal-proċess
[3] Paġġ. 852 sa 882 tal-proċess
[4] Paġġ. 885 sa 908 tal-proċess
[5] Paġġ. 593 sa 770, 774 sa 794 u 805 sa 830 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' prezz ta' merkanzija u tagħmir. Il-kumpannija attriċi (minn issa msejħa "EuroApp") kienet aġent f'Malta ta' għadd ta' ditti barranin li jbiegħu *white goods* u kienet qiegħda taħseb biex ittemm il-ħidma kummerċjali tagħha f'dan il-qasam. Kien sar arranġament mal-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "F Borda") biex din tikseb l-aġenzija ta' wħud mid-ditti msemmija minflok EuroApp u biex il-merkanzija u l-partijiet kollha li EuroApp kien għad fadlilha jinxtraw minn F Borda. EuroApp tgħid li, minkejja li għaddiet il-konsenja tal-merkanzija kollha li kien fadlilha u l-partijiet lil F Borda, flimkien ma' xkaffar li kien f'maħżen tagħha, din naqset li tħallasha. Issa qiegħda titlob il-ħlas;

Illi għal din l-azzjoni, F Borda laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha billi tressqet meta bejn il-partijiet kienu għadhom għaddejjin in-negozjati u ma kienx għad hemm ftehim deċiżiv, minbarra li EuroApp qatt ma interpellatha b'att ġudizzjarju qabel fetħet il-kawża. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu. Dwar uħud mill-*appliances*, qalet li kulma ħadet kienet ħallsitu. Dwar *appliances* oħrajn, qalet li ma kienx sar l-ebda ftehim, u kienet ħadithom biss biex tagħmel wisgħa fil-maħżen ta' EuroApp, li xtaqet tikrih lil terzi. Żiedet tgħid li, dwar il-partijiet tal-*appliances* ta' wħud mid-ditti, l-ftehim kien li F Borda tixtri dawk biss li kienu jistgħu jinbiegħu ("*saleable*") jekk kien fadlilhom ħajja kummerċjali u attwali. Meta l-eċċipjenti ngħatat il-konsenja, ħareġ li bosta mill-partijiet ma kenux f'qagħda li jinbiegħu jew għaliex kienu qdiemu, jew għaliex kienu nxtraw minn EuroApp bla rażan jew bi żball. Tgħid li jekk kemm-il darba EuroApp kellha fehma oħra dwar x'ried jitfisser bil-kelma "*saleable*", allura lanqas jista' jingħad li kien hemm fehma waħda bejn il-partijiet u b'hekk jonqos l-*idem placitu consensus* li wkoll juri li ma kien intlaħaq l-ebda bejgħ. Fl-aħħar nett, laqgħet

billi ċaħdet li hija kienet xtrat l-ixkaffar u saħqet li kulma ġara kien li kienet għamlet pjaċir lil EuroApp billi ħaditilha l-ixkaffar li kellha fil-maħżen bla ħlas. F'kull każ, F Borda kienet qiegħda toffri lil EuroApp li tirtira l-*appliances*, il-partijiet u l-ixkaffar fi żmien ħmistax-il jum qabel ma l-eċċipjenti tgħaddi biex tiddepożitahom. F'kull każ, F Borda qalet li s-somma miltuba minn EuroApp kienet eżaġerata;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li EuroApp kienet tmexxi f'Malta negozju ta' bejgħ ta' *white goods* ta' ditti barranin magħrufa, fil-biċċa l-kbira bħala aġent esklussiv. F'xi żmien matul l-2000, kienet uriet il-fehma li ma tibqax aktar tmexxi tali negozju u li twelli l-aġenziji tagħha, bi qbil mal-prinċipali, lil xi ħaddieħor f'Malta li jista' juri interess f'din il-biċċa;

Illi sa minn xi ġimgħat qabel, EuroApp kienet daħlet f'negozjati ma' F Borda dwar il-possibilita' li din tieħu mingħandha u bi ħlas l-aġenziji li sadakittant kienet għadha tgawdi. Għall-bidu, n-negozjati ma ħallewx frott, iżda lejn nofs l-2000, jidher li reġgħu bdew in-negozjati[6]. Meta kien jidher li hemm tama li jintlaħaq qbil, EuroApp kitbet f'dan is-sens ukoll lill-prinċipali tagħha barra minn Malta[7]. Fil-bidu ta' Awissu, 2000[8], EuroApp u F Borda wettqu eżerċizzju biex jidentifikaw liema *appliances* u partijiet kienu se' jagħmlu parti mill-arranġament milħuq f'xiri, u liema mill-*appliances* u partijiet ta' ditti oħra kienu se jittieħdu minn F Borda bħala "*on consignment*"[9]. Dawn tal-aħħar, ma jagħmlux parti mill-kwestjoni mertu tal-każ tallum;

Illi fit-22 ta' Awissu, 2000[10], F Borda kitbet lil EuroApp biex tislet f'dettal dak li hija tgħid li ntħalaq ftehim dwaru bejniethom fl-ewwel ta' dak ix-xahar. Għal din l-ittra EuroApp ma weġbitx la biex turi qbil u lanqas biex turi nuqqas ta' qbil[11];

---

[6] Xhieda ta' Frank Borda 11.10. 2001, f'paġġ. 138 – 9 tal-proċess
[7] Dokti "B", "BB" u "BBB", f'paġġ. 103 sa 114 tal-proċess
[8] Dokti "Ċ-3" u "A", f'paġġ. 118 u 178 tal-proċess
[9] Dok "AA", f'paġ. 101 tal-proċess
[10] Dokti "Ċ-1" u "Ċ", f'paġġ. 116 – 7 u 180 – 1 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Darren DeDomenico 1.4.2003, f'paġ. 691 tal-proċess

Illi fl-arranġament milħuq, kien miftiehem li nies tekniċi li kienu jaħdmu ma' EuroApp jittieħdu minn F Borda biex jaħdmu magħha u jagħtu s-servizz tagħhom;

Illi ftit jiem wara l-bidu ta' Awissu tal-2000[12], EuroApp nediet pubblikament irkant ta' bejgħ tal-istokk tagħha ta' *appliances*. Dan l-irkant kien riklamat bi prominenza fil-ġurnali[13] u tmexxa minn irkantatur magħruf[14]. EuroApp ma seħħilhiex tbigħ kulma qiegħdet għall-irkant u F Borda daħlet biex tieħu taħt idejha dak li baqa' ma' wiċċ EuroApp u tipprova tbiegħhom hi. F Borda tgħid li dan għamlitu wara li d-direttur ta' EuroApp tkarrab magħha biex toħodlu kulma kien għad fadal fil-maħżen tagħha għaliex riedet tikrih, u li ta' dawn ħallset qrib tmienja u ħamsin elf lira Maltin (Lm 58,000)[15];

Illi F Borda ħadet taħt idejha kemm l-*appliances* li ma kenux inbiegħu fl-irkant, kemm l-i*spare parts* li kien hemm fl-imħażen u kif ukoll l-ixkaffar bejn Settembru u Ottubru tal-2000[16], filwaqt li dwar l-*appliances* l-biċċa l-kbira minnhom inġarru fid-29 ta' Novembru, 2000[17] u l-bqija fil-bidu ta' Diċembru tal-istess sena[18];

Illi matul l-aħħar xhur tal-2000, rappreżentanti tad-ditti prinċipali kienu ġew Malta u tkellmu ma' rappreżentanti ta' ditti lokali li kienu mħajrin jiksbu l-aġenzija f'Malta[19]. Fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru, 2000, F Borda kienet mgħarrfa mill-uħud mill-imsemmija ditti barranin li kienu għażluha bħala l-aġent tal-prodotti tagħhom f'Malta. F'każ ta' ditta oħra barranija – *Speed Queen* – il-ħatra lil F Borda ngħatat b'seħħ mill-bidu tal-2001[20];

Illi ftit wara l-bidu tal-2001, għaddew diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar il-ħlas li kellu jsir tal-*appliances* u tal-i*spare parts* wara li nqalgħu kwestjonijiet dwar il-valur tagħhom u

[12] Xhieda ta' Anthony Borġ 4.11.2003, f'paġ. 355 tal-proċess
[13] Dok f'paġġ. 538 sa 555 tal-proċess
[14] Dok "AD", f'paġ. 513 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Frank Borda 16.1.2002, f'paġġ. 241 – 5 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Frank Borda 20.3.2002 f'paġ. 301 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Darren Dedomenico 29.5.2002, f'paġ. 323 tal-proċess
[18] Dok (notamenti) f'paġ. 331 tal-proċess
[19] Dokti "M", "N" f'paġġ. 195 – 7 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Frank Borda 20.3.2002, f'paġ. 299 tal-proċess

dwar jekk kienx dovut ħlas lil EuroApp ta' l-*parts* li ma nbiegħux. Ħlas mgħoddi minn F Borda wara bejgħ li kien sar waqt fiera f'Diċembru, ma kienx aċċettat minn EuroApp. Baqa' ma ntlaħaqx qbil bejn il-partijiet dwar il-prezz li kellu jkun stmat u dovut lil EuroApp, minkejja li l-partijiet kienu ressqu l-proposti rispettivi tagħhom;

Illi din il-kawża nfetħet fi Frar tal-2001 u dak inhar EuroApp ħarġet ukoll mandati kawtelatorji kontra F Borda;

Illi jidher li l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ jintrabtu l-aktar mal-kwestjoni ta' x'kien sewwasew miftiehem bejn il-partijiet meta seħħew l-arranġamenti ta' bejniethom. Jidher li l-kwestjonijiet li nqalgħu jinġabru taħt dawn l-irjus: (i) x'kien jgħid tassew il-"ftehim" miktub fl-1 ta' Awissu, 2000, u dwar xiex kien jittratta – jekk hux biss dwar aġenzija, bejgħ ta' *appliances* jew bejgħ ta' *spare parts*, jew xi kombinazzjoni ta' dawn; (ii) jekk il-konsenji milqugħa minn F Borda kenux *on consignment* jew jekk itteħdux minnha bħala mixtrija *at cost*; u (iii) f'każ li dawn ittieħdu bħala mixtrija *at cost*, jekk kemm-il darba dan kienx suġġett għal xi kundizzjoni (F Borda tgħid li din il-kundizzjoni kienet li l-ħwejjeġ kunsinnati lilha tħallas għalihom biss jekk ikunu f'qagħda li jinbiegħu – "*saleable*");

Illi l-liġi tistabilixxi regoli u prinċipji dwar it-tifsir li jingħata lil ftehim milħuq bejn il-partijiet li jkunu daħlu għalih. L-ewwel prinċipju hu li fejn il-kliem ta' ftehim, meħud fit-tifsira li għandu skond l-użu fiż-żmien li jkun sar, huwa ċar, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni[21]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, hemm ċirkostanzi fejn dik il-kjarezza ma toħroġx daqstant ċara, mhux anqas minħabba l-fatt li l-"ftehim", kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, ma kienx wieħed magħmul formalment f'kitba mfassla apposta bil-firem tal-partijiet;

Illi t-tieni prinċipju ta' dritt hu li meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux fissru rwieħhom b'mod ċar jew b'mod li l-ħwejjeġ imsemmija jistgħu jfissru aktar minn ħaġa waħda, jew jekk

[21] Art. 1002 tal-Kap 16

wara li jkun sar il-kuntratt tinbet xi ħaġa li l-partijiet ma kinux ħasbu għaliha u nqalgħet kwestjoni dwarha, l-Qorti trid tidħol biex tfisser il-ftehim milħuq u li dan tagħmlu billi tqis x'kienet il-fehma tal-partijiet dak inhar li laħqu l-ftehim u kif din il-fehma toħroġ mill-qafas taċ-ċirkostanzi li nisslu dak il-kuntratt[22]. Il-liġi fiha sensiela ta' dispożizzjonijiet li jfasslu regoli, mhux assoluti, maħsuba biex jgħinu u jmexxu lill-Qrati dwar it-tifsir xieraq ta' kuntratti meta jinqala' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq daqshekk[23];

Illi fost dawk id-dispożizzjonijiet, wieħed isib li biex kliem fi ftehim ma jingħatax it-tifsir li jkollu, trid tkun il-fehma kuntrarja identika tal-partijiet kollha fil-ftehim biex tingħata t-tifsira li fehmuha l-partijiet u mhux dik li ġġor il-kelma miktuba[24]. Hekk ukoll, meta kliem fi ftehim jistgħu jkollhom aktar minn tifsira waħda, għandha tingħata t-tifsira li biha l-ftehim jingħata effett u mhux dik li biha l-ftehim jitlef kull effett[25], b'mod li kliem li jista' jfisser ħaġa jew oħra għandu jingħata t-tifsir li jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt[26]. Klawsoli fi ftehim għandhom jitfissru l-waħda bl-oħra, b'mod li lil kull waħda jingħata s-sens li jidher mill-att kollu[27]. Jekk, minkejja t-tħaddim ta' dawn ir-regoli, jibqa' d-dubju dwar liema huwa t-tifsir xieraq ta' kliem fi ftehim, tingħata t-tifsira kontra dak li favurih saret l-obbligazzjoni (il-'kreditur' tal-obbligazzjoni) u favur ta' dik mill-partijiet li ntrabtet biha (id-'debitur' tal-obbligazzjoni)[28];

Illi huwa wkoll miżmum li biex wieħed jasal għat-tifsir xieraq tal-kliem fi ftehim, partikularment fil-każijiet li għadhom kemm issemmew, wieħed jista' jistrieħ ukoll fuq xhieda jew dokumenti oħrajn li jitfgħu dawl fuq il-ftehim ewlieni[29], u dan ukoll bi tħaris tal-prinċipji li jirregolaw x'għamla ta' xhieda tista' titressaq "kontra" dak li hu miktub. Minbarra dan, jibqgħu dejjem jgħoddu ż-żewġ regoli l-oħrajn fid-dritt tal-obbligazzjonijiet, u jiġifieri, dik ir-regola li trid li dak li wieħed jintrabat għalih huwa l-liġi bejn

[22] App. Ċiv. **13.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri noe vs Vincenti*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.27**)
[23] App. Ċiv. **15.12.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et vs Cassar*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.704**)
[24] Art. 1003 tal-Kap 16
[25] Art. 1004 tal-Kap 16
[26] Art. 1005 tal-Kap 16
[27] Art. 1008 tal-Kap 16
[28] Art. 1009 tal-Kap 16
[29] App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs Bank Ċentrali ta' Malta***

il-partijiet u jrid iwettqu u ma jħassrux jekk mhux bi qbil mal-parti l-oħra ("*pacta sunt servanda*")[30]; filwaqt li t-tieni regola hi li kull min jintrabat fi ftehim jitqies li jwettqu b'bona fidi[31] u jgħodd mhux biss għal dak li jingħad fih imma wkoll għall-konsegwenzi kollha li r-rabta ġġib magħha[32];

Illi l-Qorti ssib li sejjer ikollha tqis u tħaddem dawn ir-regoli kollha aktar 'il quddiem f'din is-sentenza;

Illi, madankollu u qabel kull ħaġ'oħra, l-Qorti jidhrilha xieraq li tqis l-**eċċezzjoni preliminari** ta' F Borda. Biha, F Borda tgħid li l-kawża tressqet qabel ma kien intlaħaq ftehim u waqt li kienu għadhom għaddejjin diskussjonijiet bil-għan li jintlaħaq ftehim;

Illi l-eċċezzjoni tal-intempestivita' tal-kawża hija ta' għamla dilatorja u għalhekk għandha titqajjem fil-bidu tal-kawża[33]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq il-parti mħarrka li tikkonvinċi lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor.* Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[34]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;

Illi b'żieda ma' dan, huwa wisq possibbli li, f'kawża bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum, jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-*Jus Superveniens*[35]. Dan ifisser li, bit-tħaddim

---

[30] Art. 992 tal-Kap 16
[31] Art. 993 tal-Kap 16
[32] App. Ċiv. **25.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph F Depares noe et vs John O'Dea noe et pro*** (mhix pubblikata)
[33] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[34] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[35] Ara P.A. **7.10.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Valenzia noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1177**)

tar-regola li *jus superveniens firmat actionem*, l-eċċezzjoni tal-intempestivita' (ukoll kieku kellha titqies mistħoqqa) taf titlef is-siwi tagħha għal kollox jekk kemm-il darba jiġru ċirkostanzi partikolari, filwaqt li l-azzjoni attriċi tikseb il-jedd li titkompla sat-tmiem tagħha[36];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jistax jingħad li tassew li l-kawża miftuħa minn EuroApp tressqet qabel iż-żmien għar-raġuni li tallega F Borda. F Borda nnifisha, bl-ittra tagħha tat-22 ta' Awissu, 2000, kienet iddikjarat li bejnha u EuroApp kien intlaħaq ftehim, tant li fissritu punt-punt fl-imsemmija ittra. Minbarra dan, ma kienx hemm dubju li, ladarba F Borda kienet ħadet il-pussess ta' ħwejjeġ EuroApp u ma raddithomx lura u lanqas qegħdithom b'depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti, ma kienx xieraq li EuroApp toqgħod b'idejha marbuta tistenna lil F Borda tiddeċiedi hi meta jkun il-waqt li l-kotba jingħalqu u li dan in-negozju jinġab fi tmiemu. F'kull każ, minkejja li wara li kienet infetħet din il-kawża l-partijiet baqgħu għaddejjin b'xi sura ta' taħdidiet bil-għan li jaslu f'arranġament, baqa' ma ntlaħaqx qbil u dan ifisser li ma kienx żejjed li EuroApp tiftaħ il-kawża u li F Borda tiddefendiha fil-mertu;

Illi bil-ġabra ta' dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti tara li jekk kien tassew il-każ li EuroApp ħaffet biex fetħet il-kawża u biex ressqet il-Mandati kawtelatorji relativi kontra F Borda, meta bejniethom kienu għaddejjin diskussjonijiet dwar soluzzjoni miftehma bil-kelma t-tajba bejniethom, l-istess ċirkostanzi juru wkoll li dan kollu ma kien ikollu l-ebda effett fuq il-kawża nnifisha ħlief li jipposponiha. Din hija sewwasew waħda mill-qagħdiet li fiha jidħol fis-seħħ il-*jus superveniens* li ssemma aktar qabel;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-imsemmija eċċezzjoni hija tajba u għalhekk m'hijiex sejra tilqagħha;

---

[36] P.A. **18.8.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli noe vs Tabone et noe*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.1034**)

Illi qabel ma l-Qorti tidħol biex tqis waħda waħda l-oqsma tal-kwestjonjiet fil-mertu bejn il-partijiet, jidhrilha xieraq li tosserva li kienet ħasra li, fil-qafas ta' dak mitħaddet bejn il-partijiet u tas-siwi ta' dak li kien maħsub li jiġri, huma ma ħassewx il-ħtieġa li jfasslu ftehim miktub sewwa u bil-kundizzjonijiet kollha ewlenija milħuqa bejniethom. Id-dokument li l-partijiet isemmu lanqas huwa ftehim fis-sens sħiħ tal-kelma għaliex kulma jikkonsisti hu f'paġna miktuba bl-idejn (hemm qbil li nkitbet minn Frank Borda) bla ma hemm imqar firma waħda biex turi li l-partijiet kienu qegħdin iqisuha bħala l-abbozz tal-ftehim tagħhom. L-ewwel darba li toħroġ xi verżjoni ta' dak li kien miftiehem bejn il-partijiet jidher li hu fl-ittra li nkitbet xi tliet ġimgħat wara minn F Borda lil EuroApp[37]. Għalhekk, dawn iż-żewġ dokumenti jridu jinqraw flimkien;

Illi, minbarra dan, jidher li bejn meta nkitbet l-ewwel darba u xi żmien wara (ukoll jekk f'affari ta' ftit sigħat), saru żidiet f'partijiet tal-imsemmija kitba oriġinali li, tul is-smigħ ta' din il-kawża, ħalqu l-parti l-kbira tal-kwestjonijiet bejn il-partijiet[38]. Jekk wieħed jara l-verżjoni tal-kitba mressqa minn EuroApp[39] u jqabbilha ma' dik imressqa minn F Borda[40], wieħed għandu jintebah li t-tliet 'kummenti' li jinsabu fuq in-naħa tal-lemin tal-imsemmi dokument inktiblu tabilfors wara li kienet saret kopja ta' dak li nkiteb oriġinarjament. Dan qiegħed jingħad għaliex iż-żewġ verżjonijiet tal-imsemmija tliet kummenti m'humiex l-istess, minkejja li dak li mniżżel fihom jixxiebah minn verżjoni waħda għall-oħra. Huwa sinjifikanti wkoll li l-eqqel kwestjonijiet bejn il-partijiet f'din il-kawża kienu jirrigwardaw uħud mill-kliem jew frażijiet imniżżla f'dawn il-'kummenti';

Illi għalhekk, il-kwestjoni li tqum hi: liema verżjoni kienet dik li fiha ntlaħaq tassew il-ftehim bejn il-partijiet. Dik miktuba qabel ma żdiedu l-kummenti, jew dik meta ddaħħlu l-imsemmija kummenti? L-ebda waħda mill-partijiet ma tqanqal din l-osservazzjoni u t-tnejn jidhru li jqisu l-verżjoni "miżjuda" bħala l-ftehim oriġinali,

---

[37] Dok "Ċ", f'paġġ. 116 – 7 tal-proċess
[38] Xhieda ta' Darren DeDomenico 1.4.2003 u 30.3.2005 f'paġġ. 710 u 739 tal-proċess
[39] Dok "Ċ3", f'paġ. 118 tal-proċess
[40] Dok "A", f'paġ. 178 tal-proċess

għalkemm, kif sejrin naraw, it-tnejn jagħtuha t-tifsira tagħhom. Mhux hekk biss, iżda ż-żewġ partijiet (għalkemm mhux b'fehma waħda) iqisu li ma kien hemm l-ebda ftehim ieħor biex jirregola l-arranġamenti li saru bejniethom[41] u għalhekk iqisu li huwa biss fid-dawl ta' dak il-ftehim li t-talbiet attriċi jistgħu jintlaqgħu jew jitwarrbu;

Illi preċiżazzjoni oħra li jmissha ssir hi dwar x'talbet il-kumpannija attriċi fl-azzjoni tagħha. Fit-talbiet tagħha, EuroApp talbet il-ħlas dwar il-*parts* u dwar l-ixkaffar. EuroApp tagħmilha ċara (ara paragrafu tmienja tad-Dikjarazzjoni Maħlufa) li bil-kelma "*parts*" hija tifhem kemm l-*appliance* sħiħa u kif ukoll il-partijiet tagħha ("*spare parts*"). Huwa biss dwar l-i*spare parts* li ngħataw lil F Borda *on consignment* li EuroApp ma tippretendi l-ebda ħlas f'din il-kawża;

Illi mill-provi mressqa[42] jirriżulta li, għal dak li jirrigwarda l-makni tal-ħasil *Speed Queen* u l-*water heaters* tal-marka *MagicLine*, dawn inbiegħu lil F Borda u ta' dawn ħallset għas-saldu. Għalhekk, il-mertu tal-azzjoni attriċi ma tinteressax dak l-arranġament. Mid-dokument "A" mehmuż mal-Att taċ-Ċitazzjoni, jidher li l-pretensjoni ta' EuroApp tirrigwarda l-*appliances* tal-marka *Electrolux*, il-partijiet li jirrigwardaw prodotti ta' *Electrolux, Speed Queen* u *Caravell*, u l-prezz tal-ixkaffar;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**kwestjoni fil-mertu** l-Qorti sejra l-ewwelnett tqis (i) <u>x'kien jgħid tassew il-"ftehim" miktub fl-1 ta' Awissu, 2000, u dwar xiex kien jittratta</u>. Ħarsa lejn id-dokument miktub dak inhar juri wkoll li l-ftehim kien jaħseb għal aktar minn ħaġa waħda. Jekk wieħed joqgħod fuq ix-xhieda dwar x'wassal biex inkiteb dak id-dokument, wieħed jifhem ukoll li dan sar fil-qafas tal-fatt li EuroApp kienet se' ttemm in-negozju tagħha f'dak is-suq u li F Borda kienet se' tingħata l-għajnuna minn EuroApp biex tiret uħud mill-aġenziji esklussivi li EuroApp kienet sa dak iż-żmien tgawdi f'Malta. Jidher ukoll li kien hemm arranġament dwar il-kisba minn naħa ta' F Borda ta' stokk

---

[41] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attriċi f'paġ. 870 tal-proċess u x-xhieda ta' Frank Borda 31.10.2001, f'paġġ. 213 u 216 tal-proċess
[42] Dok "A", f'paġġ. 7 sa 18 tal-proċess

ta' partijiet ta' makni ta' għadd ta' ditti (mhux biss dawk li F Borda kienet imħajra li tikseb l-aġenzija tagħhom), uħud minnhom b'xiri u wħud oħrajn "*on consignment*". Jidher ukoll li parti mill-arranġament kien li F Borda tixtri wkoll parti mill-*appliances* (makni tal-ħasil u "*water heaters*") tant li jissemmew l-għadd u l-prezz li bih kellhom jinxtraw. Minbarra dan, għal dak li kienet qiegħda taħseb li sejra tikseb, F Borda ntrabtet ukoll li tibqa' tagħti servizz b'nefqa għaliha lil dawk il-klijenti ta' EuroApp li kienu xtraw (sal-11 ta' Awissu, 2000) makni mingħand l-attriċi u li kienu għadhom taħt garanzija;

Illi, kif ingħad, xi tliet ġimgħat wara li saret il-kitba tal-1 ta' Awissu, 2000, F Borda bagħtet "ittra kjarifikatorja" li fiha fissret dak li, fil-fehma tagħha, kien jgħid il-ftehim milħuq fl-ewwel kitba. Dik l-ittra ntbagħtet dak inhar li nkitbet – jiġifieri fit-22 ta' Awissu, 2000 – lil EuroApp permezz ta' trasmissjoni b'*fax*[43]. F'dik l-ittra F Borda tgħid li (i) kien sar ftehim li hi tixtri mingħand EuroApp il-*parts* li jistgħu jinbiegħu tal-prodotti tal-marka *Electrolux*, *Speed Queen* u *Caravell*, hekk kif dawk il-partijiet jgħaddu f'idejha; (ii) li terfa' r-rabta tal-garanziji li kienu għadhom fis-seħħ dwar *appliances* tal-imsemmija tliet ditti li kienu nbiegħu minn EuroApp sal-11 ta' Awissu, 2000; (iii) li tieħu *on consignment* il-partijiet li kellha EuroApp minn ditti oħrajn; (iv) li terfa' r-rabta tal-garanziji li kienu għadhom fis-seħħ dwar *appliances* tad-ditti l-oħrajn (jiġifieri mhux tal-ewwel tlieta msemmija li F Borda kienet qiegħda tistenna li tingħata l-aġenzija tagħhom); (v) ir-rikavat mill-bejgħ ta' kull parti minn dawn jitħallas lil EuroApp fl-għeluq ta' kull tliet xhur; (vi) li tagħti l-garanziji fuq l-*appliances* tat-tliet ditti li nbiegħu waqt l-irkant imniedi minn EuroApp fl-ewwel ġimgħa ta' Awissu; (vii) li qablet li tixtri l-*water heaters*; (viii) li l-imsemmi ftehim jitqies kundizzjonat bil-kisba tal-aġenzija mingħand kull waħda mit-tliet ditti msemmija; u (ix) li, dment li l-proprjetarju tad-ditta *Speed Queen* ma jippretendix li F Borda tagħmel ordni ġdida minnufih, F Borda kienet lesta li tixtri l-mija u żewġ makni tal-ħasil tal-imsemmija ditta mingħand EuroApp u li tagħmel l-ewwel

[43] Dok "Ċ-2", f'paġ. 117 tal-proċess

ordni mingħand id-ditta barranija hekk kif tbiegħ imqar nofshom;

Illi EuroApp tisħaq li l-ftehim ma kienx wieħed maħsub biss biex titwella l-aġenzija ta' tliet ditti favur F Borda. Iżżid tgħid li kieku dak kien il-għan waħdien tal-ftehim, ma kienx jagħmel l-ebda sens li ssir it-tieni parti tal-kitba. Din titkellem dwar l-i*spare parts* u li tagħraf bejn dawk l-i*spare parts* tad-ditti li F Borda kienet qiegħda taspira li tikseb (dawn kellhom jinxtraw minnha "*at cost*" u jsir ħlas ta' dawk il-partijiet li kienu jistgħu jinbiegħu) u dawk tad-ditti li ma kenitx imħajra tikseb l-aġenzija (dawn kellhom jingħatawlha "*on consignment*" u tħallas għal dak biss li jseħħilha tbiegħ minnhom). EuroApp targumenta wkoll li, fil-qafas tal-arranġament biex tikseb l-aġenzija, F Borda kienet tabilfors qiegħda taċċetta wkoll li tieħu b'xiri l-istokk kollu li EuroApp kien fadlilha u mhux biss l-i*spare parts* tagħhom, ladarba F Borda kienet se' tieħu l-avvjament kollu bis-saħħa tal-kisba tal-aġenzija, magħdud ukoll mal-fatt li kienet intrabtet ukoll li tidħol għall-garanziji u għat-tiswijiet. EuroApp tisħaq li l-ftehim kien sar fil-bidu ta' Awissu ma setax ma jinkludix ukoll il-bejgħ tal-*appliances* minbarra dak tal-i*spare parts* u dan għaliex dak l-arranġament kien jagħmel parti mill-arranġament tat-"twellija" tal-aġenziji li hija kienet wiegħdet lil F Borda li tgħinha tikseb[44] u li l-prezz maqbul kellu jkun il-prezz li kienet nefqet EuroApp meta xtrathom[45]. Bl-istess mod, EuroApp targumenta li, minkejja li l-ftehim ma jsemmi xejn, F Borda kienet kisbet ukoll l-ixkaffar li kien hemm fil-maħżen fejn kienu stivati l-i*spare parts* u li ta' dan l-ixkaffar F Borda kellha tħallas lil EuroApp kemm ġie jiswiha;

Illi, min-naħa tagħha, F Borda tiċħad li l-ftehim magħmul fl-1 ta' Awissu, 2000, kien b'xi mod jgħodd ukoll għax-xiri ta' *appliances*. Hija tisħaq li l-imsemmi ftehim (kif rifless fid-dokument miktub minn idejn Frank Borda nnifsu) kien dwar it-trasferiment tal-aġenziji tat-tliet ditti l-kbar – *Electrolux*, *Speed Queen* u *Caravell* – il-kunsinna tal-i*spare parts* u l-bejgħ u xiri ta' xi *water heaters* (fil-fatt,

[44] Xhieda ta' Anthony Borġ 22.3.2005, f'paġ. 516 tal-proċess
[45] Xhieda ta' Anthony Borġ 16.3.2006, f'paġ. 524 tal-proċess

tgħid li kien biss dwar tali *heaters* li l-ftehim milħuq f'dik id-data kien jirrigwarda l-bejgħ ta' *appliances*)[46]. Biex issaħħaħ din il-fehma, F Borda toqgħod fuq l-argument li ma seta' jkun qatt li dakinhar intlaħaq ftehim għax-xiri tal-*appliances* ladarba l-istess EuroApp kienet qiegħda sewwasew tipprova tbigħ hi l-istess *appliances* f'irkant pubbliku li kienet sejħet għal ftit jiem wara. Hija targumenta li f'Novembru aċċettat li tieħu l-*appliances* tal-*Electrolux* għaliex kienet rat li EuroApp ma kienx seħħilha teħles minnhom fiż-żewġ irkanti li kienet żammet f'Awissu u f'Novembru u billi ma kienx sar qbil dwar il-prezz, kienet tqis li ngħatawlha wkoll "*on consignment*". Dwar l-ixkaffar, F Borda tgħid li ħaditu biex tagħmel pjaċir lil EuroApp ħalli tbattlilha l-maħżen biex setgħet tikrih lil ħaddieħor, u li, f'kull każ, EuroApp kienet qaltilha li dak l-ixkaffar ma kellhiex x'tambih aktar u F Borda setgħet tieħdu b'xejn[47];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-argument ta' F Borda f'dan ir-rigward m'għandux mis-sewwa u dan għaliex m'huwiex sostnut minn dak li joħroġ mill-atti u lanqas jaqbel ma' dak li jipprovdi l-artikolu 1007 tal-Kodiċi Ċivili. Fl-ewwel lok, il-kitba tal-1 ta' Awissu, 2000 lanqas ma ssemmi espressament li kien sar il-qbil għat-trasferiment tal-aġenzija esklussiva tad-ditti favur F Borda, madankollu ż-żewġ partijiet qablu li hekk kien maħsub li jsir u EuroApp użat l-isem tajjeb tagħha biex għenet lil F Borda tkun aċċettata bħala l-aġent esklussiv f'Malta tal-imsemmija tliet ditti, u dan minkejja kompetizzjoni iebsa min-naħa ta' ditti oħrajn Maltin li wrew interess qawwi li l-imsemmija aġenziji jingħataw lilhom. Kien aktar tard fl-ittra tagħha tat-22 ta' Awissu, 2000, li F Borda issuġġetat il-ftehim kollu għall-kisba min-naħa tagħha tal-imsemmija aġenziji. Fit-tieni lok, sa minn dak inhar li F Borda ngħatat il-konsenja tal-*appliances* u l-partijiet tagħhom, hija baqgħet iżżommhom għandha, tbigħ minnhom, naqset li tiddepożitahom (kif kienet heddet li sejra tagħmel) u saħansitra xhur wara qagħdet għar-rieda ta' EuroApp dwar il-prezz li kellhom jinbiegħu, minkejja li F Borda dehrilha li l-prezz hekk pretiż ma kienx wieħed realistiku[48].

---

[46] Xhieda ta' Darren DeDomenico 6.12.2006, f'paġ. 578 tal-proċess
[47] Xhieda ta' Darren DeDomenico 29.5.2002, f'paġ. 328 tal-proċess
[48] Ara Dok "J", f'paġ. 437 tal-proċess

Fit-tielet lok, ħareġ li l-ewwel darba li F Borda bdiet tqajjem dubju dwar jekk l-*appliances* kenux inxtraw mingħand EuroApp kien wara li qalbet is-sena 2000, u jiġifieri meta d-ditti barranin aċċertawha li kienu laqgħu t-talba tagħha li jaħtruha bħala aġent esklussiv tagħhom f'Malta. Fir-raba' lok, lanqas ma jgħodd l-argument ta' F Borda li, f'kull każ, l-imsemmija *appliances* ngħatawlha *on consignment*. La l-kitba tal-1 ta' Awissu, 2000, u lanqas l-ittra mibgħuta minn F Borda nnifisha lil EuroApp fit-22 tal-istess xahar ma juru dan. Kien biss dwar uħud mill-*parts* ta' xi ditti mhux ewlenin li EuroApp aċċettat li tgħaddihom lil F Borda *on consignment* u dwar dan tressqu provi dokumentali wkoll[49]. Fil-ħames lok, F Borda nnifisha tistqarr li dwar il-bejgħ tal-*appliances*, partikolarment dawk tad-ditta *Electrolux*, hija għandha tagħti lil EuroApp sehem mid-dħul tal-bejgħ tagħhom[50]. Fis-sitt lok, in-notament li hemm miktub fil-parti "ta' fuq" tal-kitba tal-1 ta' Awissu (liema parti tal-ftehim F Borda tisħaq li kien jitkellem esklussivament dwar it-trasferiment tal-aġenziji l-"kbar" favur tagħha), hemm notament dwar il-prezz li bih F Borda kellha tbigħ il-makni tal-ħasil tal-marka *Speed Queen*, u dan il-ftehim intlaħaq sewwasew dak inhar u F Borda ħassitha marbuta bih, tant li lil EuroApp żammitha milli tbigħ minnhom hi waqt l-irkant u l-*closing down sale* bi prezz aktar baxx milli kien miftiehem li jinbiegħu minn F Borda[51]. Fis-seba' lok, EuroApp ma talbet u ma tħallset xejn mingħand F Borda talli għadditilha l-avvjament li kien inbena matul iż-żmien fuq l-aġenziji. Għalhekk, l-anqas li EuroApp kellha l-jedd li tippretendi hu li tal-istokk li kienet ikkonsenjat lil F Borda, għallanqas titħallas il-prezz li ġiha biex ġabitu f'Malta u li tiegħu kienet ħallset somma qawwija ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi probatorji kollha jixhdu u juru li F Borda kienet xtrat l-*appliances* u l-i*spare parts* (fil-każ ta' dan tal-aħħar tneħħi xi wħud li kienet ħadithom *on consignment* u li ma jagħmlux parti mill-mertu tal-każ) u għalhekk, ladarba żammithom, trid tħallas lil EuroApp għalihom kif miftiehem;

---

[49] Ara Dok "Ħ", f'paġġ. 431 – 2 tal-proċess
[50] Affidavit ta' Darren DeDomenico 12.7.2006, f'paġ. 560 tal-proċess
[51] Xhieda ta' Darren DeDomenico 1.4.2003, f'paġ. 722 tal-proċess

Illi F Borda tqanqal il-kwestjoni li ma setax kien hemm bejgħ tal-*appliances* tal-marka *Electrolux*, ladarba lanqas biss kien hemm qbil dwar il-prezz li bih suppost li kienet xtrathom. Tgħid li, fin-nuqqas ta' dan l-element essenzjali tal-kuntratt tax-xiri-u-bejgħ, lanqas jista' jingħad li kien hemm il-fehma *in idem* li tikkostitwixxi l-bażi tal-kuntratt. Hija tisħaq li dawk l-oġġetti ttieħdu minnha bla ma saret sidhom[52], u li hija kienet tqis li żammithom għandha biss "*on consignment*" u bla ebda riskju min-naħa tagħha[53]. Min-naħa tagħha, EuroApp tgħid li l-kliem kien ċar li l-prezz kien maqbul diġa' minħabba li ssemma l-prezz li bih hija kienet xtrat l-istess *appliances* u l-fatturi maħruġa lil F Borda jirriflettu dak il-prezz;

Illi l-liġi tagħmilha ċara li l-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ huwa perfett malli jsir qbil tal-ħaġa mixtrija u prezzha[54]. Iżda l-liġi nnifisha għandha dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar prezz li ma jkunx iffissat mill-partijiet infushom[55] jew fejn ma jissemma l-ebda prezz iżda l-fehma tkun il-"prezz tas-suq"[56]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ħareġ li f'xi waqt wara li F Borda ħadet l-*appliances* taħt idejha, kien hemm sitwazzjoni fejn il-prezz tagħhom kien b'xi mod ġie stabilit. Kienet F Borda nnifisha li kienet saħansitra offriet ħlas akkont lil EuroApp li kien jinkludi l-bejgħ ta' *appliances* tad-Ditta *Electrolux*[57]. Dan juri tabilħaqq li, f'xi żmien partikolari, l-prezz kien stabilit. Dan huwa element tajjeb biżżejjed biex il-Qorti ssib li l-elementi kollha tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ jirriżultaw, iżjed u iżjed li jinsab ippruvat ukoll liema kienu l-oġġetti milquta bl-imsemmi ftehim. Il-fatt li, mbagħad, saret ukoll il-konsenja u li F Borda ngħatat *delivery note* tal-kull oġġett konsenjat lilha[58] jkompli jseddaq din il-kostatazzjoni fattwali u legali;

Illi fir-rigward tal-pretensjoni ta' EuroApp dwar il-ħlas tal-prezz tal-ixkaffar, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li din il-pretensjoni hija tajba. F'dan ir-rigward, ma ntweriex li, sal-

[52] Xhieda ta' Darren DeDomenico 8.6.2007, f'paġ. 776 tal-proċess
[53] Xhieda ta' Darren DeDomenico 14.11.2007, f'paġġ. 811 u 820 tal-proċess
[54] Art. 1347 tal-Kap 16
[55] Artt. 1353 – 5 tal-Kap 16
[56] Art. 1356 tal-Kap 16
[57] Ara Dok "D", f'paġ. 183 tal-proċess
[58] Xhieda ta' Darren DeDomenico 14.11.2007, f'paġ. 812 tal-proċess

waqt li saret il-kitba fl-1 ta' Awissu, 2000, kien hemm xi qbil li l-ixkaffar kien ukoll parti min-negozju milħuq. Il-kitba saret fis-sede ta' EuroApp u kien wara li nkitbet li rappreżentanti tal-partijiet marru fl-imħażen biex jaraw x'hemm u bosta jiem qabel ma beda l-proċess tal-inventarjar u l-ġarr ta' dak li kien hemm fl-istess imħażen. Minbarra dan, kif joħroġ mill-provi dokumentali mressqin minn EuroApp innifisha[59], l-ewwel darba li nħarġu fatturi dwar l-imsemmi xkaffar kien fi Frar tal-2001, u mill-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet sa minn Awissu tal-2000 sa dak inhar li nfetħet il-kawża, ma kienet saret l-ebda tismija tal-imsemmi xkaffar jew ta' xi ħlas dovut. Għalhekk (u għal raġunijiet oħrajn), il-Qorti hija tal-fehma li l-bejgħ jew konsenja tal-ixkaffar ma kenitx tagħmel parti mill-ftehim milħuq bejn il-partijiet u għalhekk, ladarba l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq il-ftehim, it-talba tagħha għall-ħlas dwar l-imsemmi xkaffar m'hijiex sejra tintlaqa'. Hawnhekk, il-Qorti ssib li għandha tilqa' s-sottomissjonijiet ta' F Borda dwar din il-pretensjoni[60], u safejn jikkonċerna din il-pretensjoni attriċi, l-eċċezzjoni ta' F Borda fil-mertu jistħoqqilha tintlaqa';

Illi dwar (ii) <u>jekk il-konsenji milqugħa minn F Borda kenux *on consignment* jew jekk itteħdux minnha bħala mixtrija *at cost*</u> jidher mill-provi li l-ftehim kien jaħseb għaż-żewġ għamliet. Il-kitba tal-1 ta' Awissu, 2000, nnifisha turi dan. EuroApp tagħmilha ċara li l-ebda parti mis-somma mitluba minnha fil-kawża tallum ma tirreferi għal dawk il-*parts* li hija għaddiet lil F Borda "*on consignment*". Hija tgħid li l-kitba nnifisha turi liema kienu dawn il-partijiet. Tgħid li, kull ħaġ'oħra li l-kitba ma ssemmix bħala meħuda "*on consignment*", ifisser li ttieħdet minn F Borda bħala mixtrija "*at cost*", magħduda l-*appliances* infushom;

Illi għar-raġunijiet li diġa' ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti ssib li l-verżjoni mogħtija minn EuroApp hija dik tajba u li taqbel aktar mal-provi li jagħmlu parti mill-atti tal-kawża u li l-Qorti tista' toqgħod fuqha aktar minn dik imressqa minn F Borda. F'dan ir-rigward, il-Qorti

---

[59] Ara Dok "A" f'paġġ. 7 u 91 sa 100 tal-proċess
[60] Ara n-Nota ta' Sottomissjoni tagħha, f'paġ. 907 tal-proċess

terġa' ttenni l-fehma tagħha dwar il-pretensjoni attriċi dwar l-ixkaffar;

Illi għar-rigward tal-kwestjoni (iii) jekk it-tagħmir u l-*parts* f'każ li dawn ittieħdu bħala mixtrija *at cost*, kienx suġġett għal xi kundizzjoni jidher li fil-każ tallum joħorġu żewġ "kundizzjonijiet". L-ewwel waħda (li tidher fil-kitba oriġinali nnifisha) kienet li l-ħlas tal-prezz sħiħ kellu jsir tal-partijiet li setgħu jinbiegħu (il-kliem użat kien "*Will pay full price of*[61] *cost of all parts still saleable*"). It-tieni waħda (li toħroġ lewwel darba mill-ittra tat-22 ta' Awissu, 2000) trid li dak kollu li ġie miftiehem bejn il-partijiet fl-1 ta' Awissu, kien suġġett għall-kisba min-naħa ta' F Borda tal-aġenzija tat-tliet ditti barranin ewlenin imsemmija f'dak il-ftehim. Dwar din it-tieni kundizzjoni (għalkemm ma tidhirx fil-kitba oriġinali) ma hemm l-ebda konsiderazzjoni x'issir minn din il-Qorti, kemm għaliex jidher li l-qafas tal-ftehim kollu kien tassew il-kisba tal-aġenzija[62] u kif ukoll minħabba l-fatt li F Borda kisbet l-aġenzija tat-tliet ditti, bl-għajnuna fejjieda ta' EuroApp;

Illi l-akbar uġigħ ta' ras kien dwar il-kundizzjoni l-oħra. Sa minn Jannar tal-2001, bdew iqumu bejn il-partijiet argumenti dwar x'riedu jifhmu biha l-kelma "*saleable*". F Borda ressqet xhieda li jgħidu li, meta rappreżentanti tagħha raw x'kellha maħżun EuroApp fl-imħażen tagħha, sabu li dan kien "ċimiteru" tal-i*spare parts* li mad-disgħin fil-mija (90%) minnu ma kienx tajjeb għall-bejgħ[63]. Minħabba f'hekk, F Borda tistrieħ fuq l-argument li hija kienet obbligata tħallas biss ta' dawk il-partijiet li kellhom valur fis-suq u li ma kenux skaduti jew li l-valur tagħhom ma kienx waqa' għal kollox minħabba d-deprezzament. Min-naħa tagħha, EuroApp twarrab għal kollox dan l-argument u tisħaq li mal-għażla u l-konsenja tal-partijiet, F Borda kellha tħallas il-prezz stabilit;

Illi din il-Qorti diġa' waslet għall-fehma li, fir-rigward tal-partijiet tat-tliet ditti "ewlenin", l-arranġament kien wieħed ta' bejgħ u mhux ta' arranġament "*on consignment*". Ma

---

[61] Fil-verżjoni tal-ftehim imressaq mill-kumpannija attriċi, f'paġ. 118 tal-proċess tniżżlet il-frażi "@ *cost*"
[62] Xhieda ta' Darren DeDomenico 6.12.2007, f'paġ. 849 tal-proċess
[63] Xhieda ta' Frank Borda 11.10.2001, 16.1.2002 u Dok "F", f'paġġ. 139 , 270 u 185 – 6 tal-proċess

kien jagħmel l-ebda sens li Frank Borda nnifsu jikteb "*will pay full price*" (bil-kontra ta' dak li kiteb speċifikatament fir-rigward tal-partijiet tad-ditti l-oħrajn) li kieku l-arranġament ma kienx wieħed ta' xiri-u-bejgħ. Il-bejgħ seħħ, wara li kienu miftehma l-ħwejjeġ u prezzhom, wara li ngħaddu minn rappreżentanti ta' F Borda fil-preżenza ta' dawk ta' EuroApp, fi proċess li ħa ż-żmien tiegħu u sar b'reqqa;

Illi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-kelma "*saleable*" imissha titfisser fis-sens lessikali tagħha, jiġifieri "li tista' tinbiegħ". Ma taqbilx ma' F Borda li dik il-kelma tfisser "dak li fil-fatt jinbiegħ jew probabbli li jinbiegħ" jew "dak li m'għaddhiex żmien fuqu li ma għadu jiswa xejn". Kif tajjeb tissottometti EuroApp, dan it-tifsir ikun qed iġebbed dak li dwaru ftehmu l-partijiet biex jirrendih bla siwi. Minbarra dan, il-Qorti tqis ukoll li, mill-provi mressqa, joħroġ li huwa aktar minnu li, ladarba sar l-inventarju qabel saret il-konsenja, wieħed kien jifhem li dak li ntagħżel u ngħata lil F Borda kien dak li hija qieset li kien "*saleable*". Din il-fehma toħroġ ċara wkoll minn xhieda ta' rappreżentant ta' F Borda meta qal "ftehemna li jieħdu *all saleable parts* u għedna din il-kelma *saleable* ċara u wara morna naraw il-kwantita' ta' *spare parts* li kien hemm"[64]. Din ix-xhieda, mogħtija mhux waqt kontro-eżami, tagħmilha ċara li (i) il-kundizzjoni kienet stabilita sa mill-bidunett, u (ii) li l-oġġetti kollha li ttieħdu tqiesu li kienu *saleable* għaliex kieku ma kenux jittieħdu. Kien ikun mod ieħor kieku l-ewwel saret il-konsenja u mbagħad sar l-inventarju u l-eżami tal-istokk wara li kien diġa' nġarr mill-imħażen ta' EuroApp;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li, fid-dawl tal-prinċipji ta' dritt li ssemmew qabel u skond il-liġi, huwa xieraq u f'bona fidi li jitħalla li l-frażi "jista' jinbiegħ" ("*saleable*") ġġib fix-xejn dak il-proċess kollu li l-partijiet għaddew minnu b'reqqa u skrutinju reċiproku qabel ma seħħet il-konsenja u li kien qiegħed jimplimenta dak li l-partijiet kienu ftiehmu dwaru, waqt li kienu qegħdin isiru t-trattativi għall-kisba tal-aġenzija. Li wieħed jgħid – bħalma tagħmel F Borda tul din il-kawża[65] – li bosta mill-ħwejjeġ kienu żejda, jew li ma

[64] Xhieda ta' Darren DeDomenico 6.11.2001, f'paġ. 646 tal-proċess
[65] Ara wkoll in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġġ, 891 sa 898 tal-proċess

setgħetx teżaminahom b'dettal hu u jsir l-inventarju, jew li kien għadda żmien fuqhom jew li, bi kriterji ta' deprezzament, ma jistgħu jinbiegħu qatt jew setgħu jintremew, ikun qiegħed ifisser li l-ftehim milħuq ikun qed jinbidel b'rieda biss ta' waħda mill-partijiet għall-ftehim. L-għaqal kien jindika li F Borda ma taċċettax mill-ewwel dak li, fl-esperjenza kbira tagħha f'dan il-qasam, ma kienx stokk kummerċjabbli, u mhux l-ewwel taċċettah u mbagħad, wara li kienet intrabtet li tħallsu, tressaq 'il quddiem raġunijiet (skużi) u argumenti biex ma tħallasx dak li xtrat u li baqgħet iżżommu taħt idejha u tbiegħ minnu kull meta ġietha l-opportunita';

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex issib li, minkejja l-kundizzjoni, EuroApp kienet biegħet l-istokk tal-partijiet tat-tliet ditti lil F Borda, u li, mal-bejgħ u l-konsenja, l-prezz miftiehem kien dovut lill-kumpannija attriċi, u li r-riskju għadda fuq F Borda. B'żieda ma' dan li ngħad, kienet F Borda nnifisha li iddikjarat[66] li, mal-konsenja tal-partijiet, isir il-ħlas tal-istess partijiet mixtrija;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex **tillikwida s-somma li jmissha titħallas lill-kumpannija attriċi**. EuroApp qiegħda titlob il-ħlas ta' somma partikolari dwar xi *appliances,* il-partijiet tal-*appliances* tat-tliet ditti u l-prezz tal-ixkaffar. Din il-Qorti waslet għall-fehma li l-pretensjoni dwar l-ixkaffar m'hijiex mistħoqqa għaliex ma kenitx tagħmel mill-ftehim u ma kienx hemm qbil dwar in-natura tal-konsenja u wisq anqas dwar prezzha;

Illi s-somma msemmija minn EuroApp dwar l-*appliances* u l-partijiet hija ta' mija u erbgħa u disgħin elf mitejn u tlieta u ħamsin euro (€ 194,253). Din is-somma (li ma tgħoddx fiha l-prezz tal-ixkaffar) tinbena fuq lista ta' dokumenti[67] mehmużin mal-Att taċ-Ċitazzjoni. Ta' min jgħid li l-imsemmija dokumenti jinkludu sensiela ta' *delivery notes* li jitqabblu ma' kull waħda mill-fatturi. Kull *delivery note* tikkorrispondi ma' fattura relattiva bil-prezzijiet li kienu maqbula mill-partijiet bħala li huma dawk *at cost*. Dwar il-fatturi li jitkellmu dwar il-partijiet, kienu mehmużin

[66] Ara *Item 1* ta' Dok "Ċ", f'paġ. 180 tal-proċess
[67] Dok "A", f'paġġ. 7 sa 90 tal-proċess

saħansitra l-listi tal-istokk inventarjat li r-rappreżentanti tal-partijiet kienu eżaminaw fil-preżenza ta' xulxin. Mill-provi mressqa, jirriżulta li dawn huma l-istess listi li l-partijiet, fejn dehrilhom, niżżlu kummenti dwar dak li sabu u iffirmawhom ukoll. L-ammont sħiħ mitlub minn EuroApp f'dan ir-rigward jirriżulta minn dokument li jfisser x'inhuma l-konsenji li tagħhom F Borda ħallset u liema huma dawk li jew ħallset f'biċċa biss jew ma ħallset xejn[68]. Il-Qorti fliet l-imsemmi dokument u qabblitu ma' dokumenti oħrajn imressqin miż-żewġ partijiet. F Borda tikkontesta l-imsemmija ċifri u tgħid li ma jaqblux ma' dak l-ammont li kien indikat fil-kitba tal-1 ta' Awissu, 2000;

Illi l-Qorti tqis li l-kitba oriġinali bħala l-għajn tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet ma setgħetx tkun il-ftehim dettaljat innifsu. Bħalma F Borda kienet irriżervat li, qabel tixtrihom, tara u teżamina b'reqqa l-istokk u l-partijiet, hekk ukoll ma jistax jonqos li l-valuri attribwiti minn Anthony Borġ ta' EuroApp dak inhar li sar il-ftehim kienu neċessarjament indikativi. Minbarra dan, is-somma mitluba minn EuroApp illum tgħodd fiha wkoll ir-rata ta' Taxxa ta' Valur Miżjud, liema rata kienet espressament mhux magħduda meta saret il-kitba, tant li l-valuri u l-prezzijiet imsemmija kienu jgħidu ċar u tond li kienu mingħajr ir-rata tal-imsemmija Taxxa ("*Cost ex- VAT*"). Ma tressqux provi qawwija u tajbin biżżejjed biex il-Qorti titbiegħed minn dawk il-provi dokumentali li ssemmew qabel u li jrieġu t-talba;

Illi l-Qorti qagħdet attenta wkoll biex tara li l-ammont mitlub ma jgħoddx fih dak li F Borda setgħet ħallset tiegħu diġa'. Jidher, madankollu, li d-dokumentazzjoni mressqa minn EuroApp tieħu kont ta' dak li F Borda ħallset diġa' għalih u ma reġgħetx talbet il-ħlas tiegħu. Min-naħa l-oħra, F Borda nnifisha taqbel li, fl-agħar ipoteżi, hija għandha tħallas kemm tal-partijiet u kif ukoll tal-*appliances*[69], għalkemm mhux is-somma pretiża minn EuroApp;

[68] Ara Dok "D", f'paġ. 120 tal-proċess
[69] Ara paġ. 908 tal-proċess

Illi wara li l-Qorti, wara li qieset b'reqqa l-provi mressqa, u wara li ħadet b'kunsiderazzjoni l-prinċipji ta' dritt li jgħoddu għall-każ, tasal biex tillikwida l-ħlas dovut lil EuroApp fis-somma ta' mija u erbgħa u disgħin elf mitejn u tlieta u ħamsin euro (€ 194,253);

Illi għal dak li jirrigwarda l-ħlas ta' mgħax, EuroApp titlob li dan għandu jitqies li beda jgħaddi mill-1 ta' Jannar, 2001, 'il quddiem. Il-Qorti tirrileva li qabel ma nfetħet din il-kawża ma kienet saret l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarja għall-ħlas u t-tieni talba attriċi nnifisha turi li l-ammont pretiż mill-istess attriċi m'huwiex wieħed determinat. Mill-provi li tressqu tul is-smigħ tal-kawża, ma jistax jingħad li l-ħlas li kienet qiegħda tippretendi EuroApp kien wieħed determinat, u l-likwidazzjoni kellha ssir matul is-smigħ tal-kawża mill-għadd kbir ta' provi dokumentali li tressqu quddiem il-Qorti;

Illi huwa minnu li, meta s-somma tkun determinabbli jew determinata u tintalab sa mill-bidunett tal-ftuħ tal-kawża, l-imgħax legali jibda jgħaddi minn dak inhar tal-interpallezzjoni. Iżda f'dan il-każ, minkejja li EuroApp ressqet talba dwar somma speċifika, din il-Qorti ma setgħetx toqgħod fuq dik iċ-ċifra, u l-ammont li qiegħed jiġi likwidat m'huwiex l-istess bħal dak mitlub. Għalhekk, l-imgħax fuq l-ammont li F Borda trid tħallas lil EuroApp irid jibda jgħaddi millum;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka billi ssib li l-kawża saret f'waqtha;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka fil-mertu** billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, ħlief għal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-kumpannija attriċi dwar il-ħlas tal-ixkaffar, liema eċċezzjoni hija tajba;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka trid tħallas lill-kumpannija attriċi għall-*parts* lilha konsenjati, b'dan li l-kelma "*parts*" titqies li tgħodd fiha

kemm l-*appliances* konsenjati u kif ukoll il-partijiet tagħhom li ma kenux mgħoddija “*on consignment*”, iżda ma tilqagħhiex dwar il-pretensjoni dwar l-ixkaffar;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħlas dovut lill-kumpannija attriċi fis-somma ta’ mija u erbgħa u disgħin elf mitejn u tlieta u ħamsin euro (€ 194,253);

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi l-imsemmija somma ta’ mija u erbgħa u disgħin elf mitejn u tlieta u ħamsin euro (€ 194,253) rappreżentanti l-prezz dovut, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------